**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 24 ta' April, 2024**

Numru 8

**Appell Nru. 79/2023**

**Ludwig Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ludwig Camilleri tat-13 ta' Novembru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-24 ta' Ottubru 2023 li biha cahad l-appell tal-applikant u ikkonferma r-rifjut tal-PA7807/16 'Propsed relocation of kerb side fuel station and ancillary services (duly licenced) minn sit originali ghal wiehed f'Attard';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jikkoncerna l-applikazzjoni PA07807/16 li fiha saret talba ghal kostruzzjoni ta' *fuel station* gdida li tinkludi facilitajiet ancillari, b'din ser isservi sabiex issir rilokazzjoni ta' pompa tal-*fuel* ezistenti. Is-sit propost ghal dan l-izvilupp jinsab barra l-konfini taz-zona tal-izvilupp fi Triq l-Imdina, fil-lokalita ta' H'Attard, filwaqt li l-pompa tal-*fuel* ezistenti tinsab fi Triq il-Wied, l-Imsida.

Illi l-izvilupp propost gie rrifjutat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-bazi ta' erbgha (4) ragunijiet ta' rifjut, ossia:
1.Illi l-*fuel station* proposta hija pozizzjonata parzjalment fil-konfini ta' *buffer* ta' 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan, bi ksur tal-paragrafu 5.1 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015;
2.Illi l-*fuel station* hija proposta f'inqas minn 500 metru ta' *fuel station* ezistenti, bi ksur talparagrafu 5.4 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015;
3.Illi l-proposta ma tinkludiex l-informazzjoni necessarja sabiex issir evalwazzjoni ta' rekwiziti relatati ma' trasport, dan minhabba li ma gietx sottomessa din l-informazzjoni fiz-zmien hekk kif stipulat f'Regolament 12 (1) tal-Avviz Legali 162 tal-2016;
4.Illi l-iskala tal-hwienet proposti Klassi 4B hija eccessiva u tirrizulta fi zvilupp eccessiv tas-sit. Tali zvilupp m'huwiex fl-interess ta' l-amenita taz-zona u jmur kontra *Rural Objectives* 3 u 4 tal-i*SPED*.

Illi l-appellant intavola appell kontra din id-decizjoni, u jirribatti fuq ir-rifjut tal-Awtorita' b'erba (4) aggravji, fejn jindika:
i.Illi l-Awtorita` applikat kriterji u kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk applikatif'kazijiet simili ghall-kaz odjern;
ii.Illi l-kalkolu maghmul mill-Awtorita fir-rigward ta' distanza min *fuel stations* ohra imur kontra l-kalkolu maghmul mill-Awtorita f'kaz identiku;
iii.Illi kull materja li tirregola it-trasport hija ben stabbilita u giet sottomessa, u ghalhekk din ma kelliex tkun raguni tar-rifjut;
iv.Illi waqt is-seduta tal-Bord tal-Ippjanar saret talba sabiex il-pjanti jigu emendati biex b'hekk jitnaqqas b'mod drastiku il-qies tal-hanut, izda din ma gietx ikkunsidrata.

Illi dan l-appell kien originarjament gie michud minn dan it-Tribunal kif diversament kompost permezz tad-decizjoni moghtija fit- 18 ta' Novembru, 2021, izda bis-sentenza tal-1 ta' Gunju, 2022 fil-kawza fl-ismijiet ta' *Ludwig Camilleri vs L-Awtorita tal-Ippjanar* (appell numru 51/2021), il-Qorti tal-Appell rrevokat din id-decizjoni tat-Tribunal, u bghat lura l-atti quddiem it-Tribunal.

Illi segwenti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell gew sottomessi mill-appellant sensiela ta' ritratti tal-il-*fuel station* ezistenti mill-karraggjata bid-direzzjoni. Sar ukoll rikors *da parti* talAwtorita fejn gie mitlub li l-applikazzjoni odjerna tintbghat lura quddiem l-Awtorita, u wara oggezzjoni tal-appellant ghal din it-talba, il-kaz tkompla jinstema quddiem dan it-Tribunal hekk kif deciz waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2023.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra
Illi dan l-appell huwa fil-konfront tar-rifjutat tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghal zvilupp ta' *fuel station* gdida fil-lokalita ta' H'Attard intiza sabiex ikun hemm rilokazzjoni ta' pompa tal-*fuel*

ezistenti fil-lokalita tal-Imsida, bl-Awtorita imponiet erba ragunijiet tar-rifjut li fil-konfront taghhom gew imressqa erba aggravji.

It-Tribunal fl-ewwel lok josserva li ghalkemm fl-ewwel aggravju l-appellant jargumenta li lAwtorita` applikat kriterji u kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk applikati f'kazijiet simili, permezz tar-raba` aggravju jigi ndikat li l-applikant stess huwa propens li jnaqqas liskala tal-hanut propost, u f'dan ir-rigward fil-mori tal-appell giet sottomessa proposta reveduta sabiex jigi ndirizzat xi thassib imqajjem. Illi dawn ir-revizjonijiet in parti jxejnu dak li qed jigi argumenta mill-appellant fl-ewwel aggravju rigwardanti kazijiet simili u l-mod kif gew applikati il-kriterji tal-*policy*, u b'mod addizzjonali it-Tribunal josserva li anke jekk jirrizulta li f'xi kaz gew moghtija permessi ghal zviluppi simili, dan bla ebda mod ma ghandu jxejjen id-dispozizzjonijiet tal-*policy* regolatorja, f'dan il-kaz il-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015. Dan hekk kif gie anke ndikat fl-insejament moghti mill-Qorti tal-Appell fil-kawza flismijiet *Michael Debrincat vs l-Awtorita' tal-Ippjanar* (appell numru 55/2018), hekk kif segwenti:
*"Il-Qorti hawn tippreciza illi ebda commitment ma jista' qatt jeghleb il-fatt li permess ma ghandux jinhareg jekk isir kontra l-ligi, pjan jew policy. Tant hu hekk illi l-artikolu 72(2) talKap. 552 jipprovdi li l-Bord ghandu jqis l-ewwel u qabel kollox pjanijiet u policies imressqa quddiemu u ghandu jqis ukoll kull haga ohra ta' sustanza inkluz commitments. Il-kliem talartikolu hu car fil-fehma tal-Qorti u ma biddel xejn mill-gurisprudenza l-aktar ricenti filmaterja.* ***L-enfasi tal-legislatur hi fuq aderenza ghal ligijiet, pjanijiet u policies u fatturi ohra jittiehdu in konsiderazzjoni basta ma jxejnux il-ligijiet, pjanijiet u policies applikabbli ghal kaz.****"* [Sentenza tal-Qorti moghtija fl-24 ta' Ottubru 2018] [enfasi mizjuda mit-Tribunal]

Illi wahda mill-kwistjonijiet ewlenin fil-kaz odjern hija d-distanza tas-sit odjern minn *fuel station* ezistenti, ossia d-distanza minima ta' 500 metru specifikata f'paragrafu 5.4 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015 li hija mnizzla fit-tieni raguni tar-rifjut. Dwar din il-kwistjoni fit-tieni aggravju l-appellant jindika li l-kalkolu tal-Awtorita imur kontra l-kalkolu maghmul f'kaz identiku, u fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-appell numru 51/2021 relattiv ghal kaz odjern, gie kkunsidrat is-segwenti:
*"Dan l-aggravju hu marbut ma' kondizzjoni specifika fil-Fuel Stations Policy 2015 cioe li ma jistax ikun hemm zvilupp ta' zewg petrol stations fl-istess linja ta' traffiku li huma anqas minn 500 metru boghod minn xulxin. Skont l-Awtorita d-distanza kienet ta' 499 metru u skont l-appellant 502 metru. It-Tribunal qies il-prova tal-Awtorita bhala iktar attendibbli, u dan billi qies li l-appellant ma xejjinx il-prova tal-Awtorita. Il-Qorti ma taqbilx ma' din ilkonsiderazzjoni li kienet wahda fattwalment sostanzjali ghal fini ta'determinazzjoni talappell. It-Tribunal hu awtorita revizura u bhala tali trid taghti motivazzjoni cara ghaliex ilfehma tal-Awtorita rigward id-distanza bejn iz-zewg pompi kienet teknikament u fattwalment ahjar minn tal-appellant. Dan ma jirrizultax minn qari tad-decizjoni u osservazzjoni semplici li l-kejl mehud mil-Land Survey Unit fi hdan l-Awtorita tal-Ippjanar li sar billi kien hemm superimposition tal-orthophotos u survey tal-istess Unit mhix konsiderazzjoni tat-Tribunal izda ripetizzjoni ta' dak sottomess mill-Awtorita. Pero l-Qorti hi perplessa meta t-Tribunal jirrikonoxxi li bil-hrug tal-permess ta' twessigh u alterazzjoni tattriq 9890/17 granet qabel id-determinazzjoni ta' din l-applikazzjoni d-distanza minima ta' 500 metru giet maqbuza. Fl-istess nifs pero jghid li x-xoghlijiet konnessi ma' permess 9890/17 ma kienx ghadhom esegwiti. Ezegwiti u mhumiex il-permess ta' twessigh kien inghata. Jidher in oltre li fil-mument tad-decizjoni tat-Tribunal ix-xoghlijiet tlestew. ItTribunal ma setax jiskarta dawn il-fatti u jekk kellu dubju jekk bit-triq ezistenti illum iddistanza gietx superata seta' jibghat kollox lill-Awtorita biex tiddetermina l-kwistjoni. IlQorti ma fehmitx ir-referenza tat-Tribunal aktar il-quddiem fid-decizjoni illi f'dawn iccirkostanzi, prezentament dan it-tip ta' zvilupp kien regolat b'mod differenti. Jekk qed jirreferi ghal Policy Guidance for Fuel Stations 2020 dan dahal fis-sehh wara l-permess PA9890/17 u ghalhekk il-kwistjoni mhix wahda ta' bdil ta' policy izda jekk skont il-policy tal-2015 u bil-permess mahrug u ezegwit PA9890/17 kienx hemm distanza ta' aktar minn 500 metru bejn iz-zewg pompi. Osservazzjonijiet ohra li ghamel it-Tribunal fosthom dak li lpolicy*

*trid tittiehed minn perspettiva aktar miftuha huwa irrilevanti u jirrazentaw l-ultra petita meta tqis ir-ragunijiet espliciti tar-rifjut. Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal kienet nieqsa minn motivazzjoni u sa certu punt kontradittorja."* Illi kif indikat fl-insenjament tal-Qorti supra-cittata, fil-kaz odjern ma' jistax jigi skartat il-fatt li gew approvati x-xogholijiet tat-toroq li jinfluenzaw id-distanza miz-zewg siti, partikolarment meta ix-xoghlijiet marbuta ma' dan il-permess illum tlestew. Dan anke ghaliex kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell u mit-Tribunal diversament kompost, lapplikazzjoni odjerna giet deciz wara li kien gie approvat il-permess PA09890/17 ghal twessigh u alterazzjoni tat-triq, progett maghruf bhala *Central Link*.

Illi l-appellant jindika li wara l-approvazzjoni tal-permess PA09870/19, it-tragitt bil-karozza bejn il-*fuel station* ezistenti u s-sit odjern li fuqu qed tigi proposta l-*fuel station* gie kemmxejn estiz ghal distanza ta' 510 metri, [Sottomissjoni datata 9 ta' Dicembru 2020] u wara analizi li dan it-Tribunal ghamel talpjanti approvati fl-imsemmi PA09870/19, jikkonferma li d-distanza hija fil-fatt circa 510 metri, [Skont il-pjanta a fol 1594E u 1594F fl-inkartament tal-PA9890/17] u b'hekk id-distanza minima ta' 500 metru specifikata fil-paragrafu 5.4 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015 qed tigi rispettata. Oltre dan, filwaqt li fl-approvazzjoni talpermess PA09870/19 ir-*right turn access* ghall-*fuel station* ezistenti giet mizmuma, [Skont il-pjanta a fol 1594F fl-inkartament tal-PA9890/17] lappellant issottometta ritratti li juru li dan l-access gie imblokkat u b'hekk mhuwiex possibli li wiehed jaghmel *right turn* sabiex jaccessa din il-*fuel station* ezistenti mill-karraggjata biddirezzjoni lejn l-Imriehel, [Sottomissjoni datata 27 ta' Gunju 2022] u per konsegwenza it-traggit bejn iz-zewg *fuel stations* (ezistenti u proposta) sahansitra jestendi oltre l-imsemmija distanza ta' 510 metri.

Nonostante dan, il-kwisjtjonijiet imqajjma mill-Awtorita fir-rifjut tal-kaz odjern imorru oltre ghaliex dawn jinkludu il-vicinanza tas-sit minn sors tal-ilma tal-pjan, in-nuqqas ta' kunsens mill-Awtorita dwar it-Trasport (*Transport Malta*), u l-iskala tal-hwienet proposta, u dan hekk kif elenkat fl-ewwel, it-tielet u r-raba ragunijiet tar-rifjut.

Illi fir-rigward tal-kwistjoni rigwardanti l-pozizzjoni tas-sit parzjalment fil-konfini ta' *buffer* ta' 300 metru minn sors tal-ilma tal-pjan, l-appellant jaghmel accenn ghal *fuel station* approvata fil-permess PA05477/16. It-Tribunal josserva li ghalkemm huwa minnu li s-sit approvata fil-PA05477/16 jinsab pozizzjonata bil-*buffer* ta' 200 metru tal-ilma tal-pjan, hekk kif gie indikat aktar kmieni f'din id-decizjoni, dan bla ebda mod ma' ghandu jxejjen iddispozizzjonijiet tal-*policy* regolatorja. Barra minn hekk, huwa l-appellant stess li jattenta li jkun konformi tad-dispozizzjonijiet tal-*policy* intenzjonati ghal protezzjoni tal-ilma tal-pjan, u dan jaghmel billi jipprezenta proposta reveduta sabiex il-bini tal-*fuel station* tkun kompletament barra l-*buffer* ta' 300 metru, b'din tikludi wkoll tnaqqis sostanzjali fl-iskala tal-hanut Klassi 4B inkluz fil-proposta.

It-Tribunal josserva li filwaqt li dawn l-emendi huma ntizi li jindirizzaw kemm it-thassib rigwardanti l-*buffer* ta' 300 metru specifikat paragrafu 5.1 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015 u anke thassib rigwardanti l-iskala tal-hanut, tali emendi jinkludi tibdil sinjifikanti fit-tqassim tal-izvilupp tal-*fuel station*, u dawn l-emendi ma' gew akkumpanjata bl-ebda tip ta' *clearance* mill-entitajiet koncernati. Illi dawn l-entitajiet jinkludu *Transport Malta* (TM) li fil-kors tal-applikazzjoni ma' kienetx pprovdiet il-*clearance* necessarja, il-*Malta Resources Authority* (MRA) u l-*Environment & Resources Authority* (ERA) li huma responsabli milllicenzjar u l-operat tal-*fuel station* (b'din tal-ahhar li tirrikjedi li jinharg l-permess ambjentali ghall-operat), il-*Regulator for Energy and Water Services* (REWS) li kienu pprovdew il*clearance* taghhom ghall-proposta originali wara li gie sottomess ir-rapport tekniku mitlub minnhom, u l-*Commission for the Rights of Persons with Disability* (CRPD) li kienu pprovdew il-*clearance* taghhom ghall-proposta originali wara li gew sottomessi d-dettalji mitluba minnhom. Jigi osservat ulterjorment li filwaqt li fir-rigward tan-nuqqas ta'

*clearance* min-naha ta' *Transport Malta,* l-appellant jaghmel referenza ghal skambju ta' *emails* ma' din l-Awtorita, l-appellant naqas milli jipprovdi xi kopja ta' dawn l-*emails.*

It-Tribunal jirrimarka li filwaqt li l-appellant wera ruhu propens li jindirizza l-kwistjonijiet imqajjma f'dawn ir-ragunijiet tar-rifjut, kien fundamentali li tigi jigu pprovduti *clearances* mill-entitajiet relattivi, jew tal-inqas tigi pprovduta evidenza li ghaddejin diskussjonijiet konklussivi ma' dawn l-entitajiet fir-rigward tal-proposta emendate. Dan kien necessarju sabiex jigi assigurat li l-izvilupp propost kif qed jigi emendat ikun konformi mar-rekwiziti u l*policies* rispettivi ta' dawn l-entitajiet, u dan in-nuqqas huwa partikolarment ta' thassib minhabba li skont il-paragrafi 7.7 u 9.1 tal-*Fuel Service Stations Policy* tal-2015, ic*clearances* minn TM u l-MRA huma rekwiziti necessarji sabiex zvilupp ta' dan it-tip jigi meqjus bhala wiehed accettabli. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' dawn il-*clearances* jew xi evidenza li ghaddejin diskussjonijiet konklussivi dwar din il-proposta emendata, it-Tribunal m'huwiex propens li jikkunsidra ulterjorment tali proposta stante li l-varjazzjonijiet huma sinjifikanti, u b'hekk m'huwiex possibli jigi assigurat li l-izvilupp emendat huwa wiehed konformi mar-regolamenti u *policies* tal-entitajiet rispettivi. It-Tribunal jirrimarka ulterjorment li ghalkemm fil-process inizzjali tal-applikazzjoni odjerna kienet giet pprezentata *clearance* minn din l-entita*,* [Skont dok a fol 50J fl-inkartament tal-PA7807/16] l-istess *Transport Malta* (TM) kienet ghamlet talba ghal informazzjoni addizzjonali [Skont sezzjoni 4.7 fil-case officer report a fol 224A fl-inkartament tal-PA7807/16] wara li t-tqassim tal-*fuel station* li kien gie emendat fil-kors tal-applikazzjoni odjerna, b'hekk certament li l-*clearance* originali ma' baqghetx wahda valida, u dan kuntrarju ghal dak indikat mill-appellant fit-tielet aggravju li fih jindika li kull materja dwar it-trasport giet sottomessa.

In vista ta' dak hawn diskuss, it-Tribunal qed jilqa t-tieni aggravju rigwardanti d-distanza tal-proposta mill-*fuel station* ezistenti, izda jichad l-ewwel, it-tielet u r-raba aggravji kemm minhabba li l-appellant llimita ruhu bil-prezentazzjoni ta' proposta reveduta li tinkludu tibdil sostanzjali minghajr il-*clearances* necessarji inkluz dik ta' TM, kif ukoll minhabba li l-hrug ta' permessi simili b'kuntest kompletament differenti ma' jikkostitwixxu l-ebda forma ta' deroga ghall-pjanijiet u *policies* applikabli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni tarrifjut tal-applikazzjoni PA07807/16.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha ikkonfermat li bil-kobor rivedut tal-izvilupp ma kienx ser jigi mittiefes il-buffer tal-area taz-zona tal-ilma pero t-Tribunal xorta cahad l-applikazzjoni ghax sostna li ma kienx hemm il-clearance tal-MRA meta l-uniku oggezzjoni tal-MRA fil-mori tal-process kien li l-izvilupp ma kellux ikun fiz-zona tal-buffer. La darba t-Tribunal jikkoncedi li l-emendi proposti jindirizzaw il-kwistjoni, il-clearance tal-MRA kienet irrelevanti;

2. Il-kwistjoni tad-distanza minn pompa ohra giet rizolta billi t-Tribunal ta' ragun lill-appellant li l-pompa tissodisfa l-kriterju tad-distanza wara l-permess approvat tas-Central Link. It-Tribunal xorta qed jinsisti li ma hemmx clearance minn Trasport Malta. L-appellant semma diversi dokumenti li jirrizultaw mill-atti fejn kien hemm

korrispondenza ghaddejja ma' Trasport Malta fuq varji aspetti tal-progett li jindikaw li Transport Malta sahansitra tat il-clearance qabel l-approvazzjoni tal-progett tas-Central Link.

**L-ewwel u t-tieni aggravji**

L-appellant jidher li mhux jaqbel mat-Tribunal kif interpreta l-fatti fil-process. Dawn strettament mhux punt ta' ligi imma riapprezzament ta' punti ta' fatt li l-Qorti tikkunsidrahom biss jekk kien hemm zball ta' fatt lampanti u grossolan da parti tat-Tribunal li kienet il-fattur determinanti ghad-decizjoni tieghu. F'dan il-kaz ma jirrizultax dak li jippretendi l-appellant. It-Tribunal qies li paragrafi 7.7 u 9.1 tal-Fuel Service Stations Policy tal-2015 u tesigi clearance minn TM u MRA, kif ukoll kien mehtieg il-kunsens tal-ERA u l-REWS cioe tar-regolatur tal-energija fuq certi aspetti tal-izvilupp. It-Tribunal ikkunsidra li l-izvilupp emendat kellu varjazzjonijiet sinifikanti li riedu l-kunsens esplicitu tal-entitajiet koncernati. Izid li ghalkemm kienet giet prezentata clearance minn TM fil-fazi inizjali tal-applikazzjoni, l-istess TM kienet talbet informazzjoni addizjonali wara li giet emendata l-proposta ta' zvilupp bi tqassim differenti u dan ma jwassalx ghal approvazzjoni fin-nuqqas ta' prova cara. Dan hu fattur fattwali u tekniku li din il-Qorti ma tissindakax.

Il-Qorti taqbel li l-applikant bl-emendi fil-pjanti indirizza whud mir-ragunijiet ta' rifjut tal-Awtorita, pero f'dawn ic-cirkostanzi mibdula tal-izvilupp minn kif propost originarjament kien necessarju li jigu prezentati l-clearances fl-istadju meta l-proposta giet emendata u kienet necessarja biex it-Tribunal ikun jista' jasal ghal decizjoni fuq din il-kwistjoni. Ma jirrizultax car pero fuq min hu l-obbligu li jitlob il-clearances imsemmija ghalkemm l-Awtorita ghandha obbligu bil-ligi li tinforma bil-proposta ta' zvilupp partikolari lill-external consultees.

Jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-appell illi l-applikant ipprezenta l-clearance tal-REWS ghalkemm datat 24 ta' Jannar 2024 cioe wara d-decizjoni tat-Tribunal. Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi la darba jidher li d-decizjoni ta' rifjut b'mod principali saret billi ma kienx hemm il-kunsnes tal-entitajiet li kellhom jaghtu l-kunsens ghall-izvilupp kif emendat, ikun gust li l-atti jigu rimessi lit-Tribunal biex jerga' jikkunsidra l-appell wara

li jintalbu mill-gdid il-clearances tal-entitajiet koncernati u b'hekk it-Tribunal ikun f'pozizzjoni jqis ahjar jekk ir-rifjut ghandux jigi konfermat.

Ghalhekk l-aggravji qed jigu milqugha fil-limiti hawn deciz.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-applikant fil-limiti deciz, u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-24 ta' Ottubru 2023, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jqis l-appell wara li jintalbu l-clearances necessarji. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur